KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 07/7/194/14

**<u>Minuti tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 7</u>**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Nicholas Seychell u l-Kunsillier Tyrone Muscat

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Viċi Sindku Steven Axisa, l-Kunsillier Roderick Spiteri, u l-Kunsillier Ivan Bartolo kienu skużati.

**1. <u>Approvazzjoni ta' Offerti</u>**

1.1. Il-Kunsillier Tyrone Muscat xtaq jagħmel mistoqsija dwar suġġett ieħor u mhux dak fl-aġenda. Is-Sindku Dominic Grima informa lil Kunsillier Muscat illi billi din kienet laqgħa b'urġenza ma jistax jiddiskuti fil-laqgħa affarijiet oħra għajr dak imniżżel.

Hawnhekk is-Segretarju ikkwota Artiklu 29(A) ta' l-Att 363 li jgħid:

> *Il-laqgħa b'urġenza għandha titratta biss il-materja urġenti li għaliha tkun issejħet u xejn iżjed.*

Il-Kunsillier Muscat xtaq xorta li jiddiskuti punt ieħor li ma kienx inkluż f'din l-aġenda u għaldaqstant telaq mil-laqgħa. Fid-dawl li wara li l-Kunsillier Muscat telaq mil-laqgħa ma kienx hemm quorum din il-laqgħa kelli tiġi mwaqqfa u differita għat-22 ta' Ottubru 2015.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku